**Fil-Qorti tal-Magistrati (Malta)**

**(Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali)**

**Magistrat Dr Monica Vella LL.D.; M.Jur.**

**Il-Pulizija**

**(Spettur Wayne Rodney Borg)**

**Vs**

**Matthew Vella**

Kumpilazzjoni Numru: 307/2022

Illum 02 ta' Ottubru 2024;

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi pprezentati mill-Pulizija Ezekuttiva nhar l-10 ta' Gunju 2022 kontra:

**Matthew Vella**[1] **ta' 60 sena, bin Lawrence u Maria nee` Mifsud, imwieled Pieta nhar it-12 ta' Frar 1962, resident 40, Medina, Flat**

[1] Folio1 tal-process.

**2 Triq Hal Tartarni, Rabat u detentur tal-karta ta' l-identita bin-numru 136662M;**

Akkuzat talli fil-perjodu ta' Settembru 2021 u x-xhur ta' qabel f'dawn il-gzejjer.

1. Talli sabiex tikseb xi vantagg jew beneficcju ghalik innifsek, f'xi dokument ghal xi aetorita pubblika, xjentament ghamilt dikjarazzjoni jew stqarrija falza, jew tajt taghrif falz.
2. Ghamel falsifikazzjoni ohra jew xjentement ghamel uzu minn xi dokument iehor falsifikat.
3. U aktar talli fl-istess zmien u cirkostanzi, bhala ufficjal jew impjegat pubbliku mal-Awtorita Transport Malta wettaqt reat illi kellek tissorvelja biex ma jsirx jew li minhabba l-kariga tieghek kellek id-dmir li timpedixxi.

Il-Qorti giet mitluba ukoll sabiex f'kaz ta' htija barra li tapplika l-piena skont il-Ligi kif ukoll il-piena tal-interdizzjoni generali perpetwa u tordna lill-imputat jhallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra ta' l-esperti skond 533 (1) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, kif ukoll tapplika l-Artikoli 532A u 532B.

Rat in-nuqqas ta' oggezzjoni registrata mill-imputat li din il-Qorti tisma' il-proceduri odjerni u li l-imputat wiegeb mhux hati tal-akkuzi.[2]

[2] Folio 13 tal-process.

Rat ukoll il-fedina penali tal-imputat prezentata in atti mill-prosekuzzjoni[3].

Rat l-atti kollha tal-kaz.

Semghet ix-xhieda.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet fis-seduta tat-12 ta' Gunju 2024.[4]

Rat u qieset id-dokumenti u provi kollha prodotti.

Rat illi l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza.

**Ikkunsidrat:**

**Il-Fatti fil-Qosor.**

Dan il-kaz jittratta allegazjoni li l-imputat ghamel xi falsifikazzjoni jew prezenta xi dokument iffalsifikat kif ukoll li f'xi dokument ghal xi awtorita' pubblika, xjentement ghamel xi dikjarazzjoni jew stqarrija falza jew ta taghrif falz.

---

[3] Folio 7 tal-process.
[4] Folio MHUX numerat tal-process.

Barra minn dan l-imputat qed jigi akkuzat li f'Settembru 2021 u fix-xhur ta' qabel bhala impjegat jew ufficjal pubbliku wettaq reat li kien fid-dmir li jissorvelja li ma jsirx.

**Il-Provi**

Xehed l-**iSpettur Wayne Rodney Borg** nhar is-27 ta' Settembru 2022 fejn spjega li lejn l-ahhar tas-sena 2022 il-pulizija bdew jinvestigaw illegalitajiet fl-operat ta' Transport Malta. Dawn kienu bazikament jirrigwardaw allegazzjonijiet ta' irregolaritajiet li sehhew waqt ezami ta' prattika gewwa Transport Malta. **Irrizulta li l-imputat kien applika biex jattendi test tal-prattika tal-mutur kategorija A li tkopri mutur ta' aktar minn 125cc mentri li hu irrikorra ghal dan l-ezami b'mutur ta' qawwa mhux aktar minn 125 bin-numru ta' registrazzjoni CAN 817 tat-tip Honda nhar il-25 ta' Gunju 2021. Dan il-mutur kien jaqa' that il-kategorija A1**.[5] L-ezami sar minn certa Joseph Farrugia Mallia u l-ghalliem kien id-Direttur ta' Transport Malta stess Clint Mansueto. Jghid li generalment min jitla' ghall-ezami jkun taht skola. Qal li Farrugia kien informa b'dan kollu lic-CO Pierre Montebello u kien inkwetat. Farrugia qalilhom li d-Direttur Mansueto ippressah biex jghaddi l-imputat. **Jghid li Matthew Vella kien iffirma fuq l-applikazzjoni u li kien iddikjara li kien ha jaghmel l-ezami ghal kategorija A. Id-driving test report bin-numru 222032 kien ukoll immarkat kategorija A fejn kopja b'karta sahhara tal-istess dokument kienet immarkata kategorija 1. Jghid li xi hadd wara li tqajjem dan il-punt u TM bdiet tinvestiga xi hadd zied 1 wara l-kategorija A[6]**. Farrugia Mallia gie interrogat u qal li kien gie sfurzat minn Client Mansueto u kien mar ghand ic-CEO Pierre Montebello. Vella kienet inhargitlu licenzja b'kategorija A mill-istess Dipartiment

[5] Folio 14 tal-process.
[6] Folio 15 tal-process.

u wara li d-dipartiment gie a konoxxenzja ta' dan kollu din giet irtirata u inhargitlu ohra ta' kategorija A1. L-imputat gie interrogat fil-25 ta' Jannar fil-prezenza tal-avukat Dr. Lennox Vella u ipprezenta stqarrija. L-ispettur ipprezenta numru ta' dokumenti.

Kontro-ezaminat ma jaqbilx li l-imputat kellu licenzja A1 u issa baqa' bl-istess licenzja. Jghid li ma kellux A1. Jghid li hu kelli A u cioe ta' taht 125 cc u A1 hu ta' fuq 125cc u li tista' tghabbi passiggier.

Xehed **Josef Farrugia Mallia** nhar is-7 ta' Dicembru 2022 fejn qal li fil-gimgha tal-25 ta' Gunju 2021 gie id-direttur tieghu Clint Mansueto fi hdan Transport Malta u ordnalu u qallu li Matthew Vella li kien examiner ukoll kellu jitla' ghall ezami ta' kategorija A pero' kellu jigi b'mutur ta' klassi CA 1 ta' 125 cc. Jghid li hu ghamel kif ordnat u Vella kien tajjeb fit-test u ghadda. '**Ovvjament jiena tajtu l-karti lilu…**'. Ic-certifikat li hareg huwa biex isuq mutur 'l fuq minn 125 cc. Jghid li kien ilu ftit xhur fix-xoghol u ghalhekk mar ikellem lic-CEO Pierre Montebello.[7] Dan ta' l-ahhar qallu li kien ser imexxi mal-pulizija. Muri folio 21 hu jghid li qatt ma raha. Il-karta ma jafx x'inhi. Folio 36 jghid li dik hija il-karta li jahdmu biha. L-mutur huwa Honda ACN 817 f'kategorija A1 izda huwa kiteb A.[8] **Jghid li huwa mexa ma' l-ordnijiet li tah is-Sur Clint Mansueto li huwa id-direttur tieghu fejn il-karta li tah, ic-certifikat li tah, kien hemm il-kategorija A u mhux A1.**[9] Jghid li dan ic-certifikat ikun hemm tlett faccati. Wahda bajda, karta roza u karta safra. Jghid is-segwenti:

[7] Folio 41 tal-process.
[8] Fin-naha ta' taht tal-Formula il-Qorti tinnota li hemm imnizzel DTR 1A, DTR 1B u DTR 1C. DTR skond ix-xhud tfisser Driving Test Report.
[9] Folio 43 tal-process.

‘***Id-differenza bejniethom hija li jiena ktibt kategorija A skond ic-certifikat li tani, izda din il-karta qeghda A1, jigifieri l-karta xi hadd ghamlilha 1. Ma nafx.***’[10]

Xehed **Pierre Montebello** nhar is-7 ta’ Dicembru 2022. Jghid li hu Chief Officer ma’ Transport Malta. Jispjega li kien gie avvicinat mis-Sur Farrugia Mallia fejn qallu li kien hemm xi affarijiet li ma sarux sew f’test partikolari li huwa it-test ta’ Matthew Vella.[11] Jghid li kemm lill-imputat jaf kif ukoll lill Mallia Farrugia ghax jahdmu fid-DPTU. **Malli wasal ir-rapport kien kellem lil Clint Mansueto li kien il-kap taghhom u kien talbu karta wahda minn tlieta li jinzammu wara li jkun sar it-test. Jghid li ghandhom tlett partijiet. Parti dejjem tinzamm mis-sezzjoni fejn isiru l-ezamijiet halli jkollhom record ta’ l-ezami x’kien. Jghid li kien tah kopja jew scan ta’ kopja li kien hemm l-examiners unit u hu kompla jaghhmel daqsxejn investigazzjoni interna u ccekja biex jara id-duplicate taghha u l-ohra li tkun qieghda s-sezzjoni l-ohra d-DVLU. Dik tinghata hemm hekk waqt li persuna jmur ihallas normalment ghal-licenzja li jkun ghadu kemm ghadda mit-test. Fil-fatt fl-opinjoni tieghu kiem hemm xi haga li ma taqbilx jigifieri mill-original li kellu scan taghha u fil-fatt il-kategorija ta’ dik li gab mid-DVLU kien hemm il-kategorija tal-licenzja differenti.[12]**

Jghid li s-sur Mallia Farrugia kien inkwetat hafna u kien qallu li kien imgieghel inizzel kategorija li l-mutur li Matthew Vella tela’ bih jaghmel t-test kien kategorija differenti. Minn investigazzjoni interna li ghamlu, l-mutur kien wiehed zghir mhux ta’ cilindrata kbira u

[10] Folio 44 tal-process.
[11] Folio 46 tal-process.
[12] Folio 47 tal-process.

suppost il-licenzja inghatat A1. Li hija il-full. Hu ipprezenta id-dokumenti relattivi u ta spjega fuqhom.[13]

Xehed **Louis Buhagiar** nhar l-1 ta' Frar 2023 fejn ipprezenta l-*employment history* ta' Matthew Vella.[14]

Xehed **Pierre Montebello** fejn spejga kif il-licenzja inbidlet minn A ghal A1. Jghid li A hija il-licenzja tal-mutur full, imbaghad hemm kategoriji izghar bhal A1 li jasal sal-125 cc u l-A2 dak li nirreferi ghalihom ta' 250cc jew 300cc. Jikkonferma li sabu xi diskrepanzi bejn dawk li jinzammu t-testing unit ghal dawk li eventwalment marru d-DVLU biex tigi ipprocessata il-licenzja.[15] Tat-testing kien ta' kategorija A filwaqt tat-testing centre kien jghid A1. Jghid li waslulhom numru ta' ittri anonimi u bdew investigazzjoni interna. Jghid li fl-applikazzjoni it-test kien ghal cilindrata zghira filwaqt li huma hargu ghal kategorija shiha. Wara diskussjonijiet interni hargu l-licenzja fuq il-kategorija tal-mutur li bih sar l-ezami. Hu ta' struzzjonijiet biex il-licenzja tittiehed lura u tinhareg fuq il-kategorija it-tajba. Il-licenzja ittiehdet lura minghand l-imputat. Hu ipprezenta numru ta' ittri anonimi u jghid li meta hadulu l-licenzja lill-imputat spjegawlu ghalfejn kienu ser jiehdu l-azzjoni li fil-fatt hadu. Jghid li Vella kien ikkollabora mill-ewwel. Jghid li d-direttur:

'***Kien qalli dak iz-zmien li s-Sur Vella inghatatlu licenzja speci rranga in his own words ghax kellu bzonn li eventwalment anki jkun johrog lill-mara tieghu li kellha xi problem anka ta' sahha imur***

[13] Folio 48 tal-process.
[14] Folio 53 tal-process.
[15] Folio 56 tal-process.

***dwara biha nhar ta' Hadd igifieri dik kienet l-ispjega li kien inghata lili.***'[16]

Xehdet **Stephania Calafato Testa** nhar it-22 ta' Marzu 2023 fejn ezebit numru ta' dokumenti vera kopja li kienu gew diga' ezebiti fil-kawza ir-Repubblika ta' Malta vs Clint Mansueto.[17]

Xehed **Eman Haber** nhar it-22 ta' Marzu 2023 in rapprezentanza ta' Gasan Mamo Insurance fejn ezebixxa ic-certifikat relattiv tal-mutur ACN 187.[18]

Xehdet **Silvana Portelli** nhar it-3 ta' Mejju 2024 fejn qalet li l-imputat mhux public officer, huwa impjegat tas-settur pubbliku ta' Transport Malta. Huwa public sector employee. Hu impjegat direttament ma' Transport Malta mhux impjegat bhala public officer mal-Gvern bhal dipartiment.[19]

Xehed **Manfred Galea** nhar it-3 ta' Mejju 2024 u dan dwar ic-cilindrata tal-mutur.[20]

Xehdet **Annalise Mifsud** nhar l-4 ta' Ottubru 2023 fejn ipprezentat it-traskrizzjoni tal-istatement tal-imputat.[21]

---

[16] Folio 59 tal-process.
[17] Folio 93 tal-process.
[18] Folio 118 tal-process.
[19] Folio 124 tal-process.
[20] Folio 127 tal-process.
[21] Folio 134 tal-process.

Xehdet **Roberta Esposito** nhar l-4 ta' Ottubru 2023 fejn ipprezentat kopja tal-kuntratt tal-impjieg tal-imputat.[22]

**Ikkunsidrat:**

**Il-Ligi u l-Gurisprudenza**

L-artikoli principali applikabbli ghal din il-vertenza fil-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta huma s-segwenti:

L-Artikolu 188 jipprovdi:

*188.(1) Kull min, sabiex jikseb xi vantaġġ jew benefiċċju għalih innifsu jew għal ħaddieħor, f'xi dokument maħsub għal xi awtorità pubblika, xjentement jagħmel dikjarazzjoni jew stqarrija falza, jew jagħti tagħrif falz, jeħel, meta jinsab ħati, il-piena ta'priġunerija għal żmien ta' mhux iżjed minn sentejn jew multa: Iżda ebda ħaġa f'dan l-artikolu ma tolqot l-applikabbiltà ta' xi liġi oħra li tipprovdi għal piena ogħla…*

U l-Artikolu 189 jipprovdi:

*189. Kull min jagħmel falsifikazzjoni oħra jew xjentement jagħmel użu minn xi dokument ieħor falsifikat, mhux imsemmija fl-artikoli ta' qabel ta' dan it-Titolu, jeħel il-piena ta' priġunerija għal żmien mhux iżjed minn sitt xhur, u jekk ikun uffiċjal jew impjegat pubbliku b'abbuż tal-kariga jew impieg tiegħu, il-piena tkun ta' priġunerija minn seba' xhur sa sena.*

[22] Folio 151 tal-process.

Imbaghad insibu l-Artikolu 190 li jipprovdi:

*190. Fid-delitti kollha ta' falsifikazzjoni magħmulin minn uffiċjali jew impjegati pubbliċi, il-piena tal-interdizzjoni ġenerali perpetwa għandha dejjem tiżdied mal-piena stabbilita għad-*delitt.

**Ikkunsidrat:**

Fis-sentenza **Il-Pulizija vs Paul Bonnici** deciza mill-Qorti tal-Appell fit- 30 ta' Gunju 1961 per Onorevoli Imhallef W. Harding intqal:

'*F'materja ta' falsifikazzjoni ta' dokument l-iskriminanti tal-grossolanita' tal-falsifikazzjoni ma hix applikabbli meta l-falsifikazzjoni tkun saret f'dokument pubbliku, u ghalhekk mhux applikabbli f'kaz ta' falsifikazzjoni ta' licenzja tas-sewqan, ghax din hija dokument pubbliku*'.

Imbaghad fil-kawza **Il-Pulizija vs Paul Galea** deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar is-17 ta' Ottubru 1997 per Onorevoli Imhallef Vincent De Gaetano intqal:

'*Id-differenza bejn falz materjali u falz ideologiku hi spjegata mill-awturi b'dan il-mod: filwaqt li fil-kaz tal-falz materjali id-dokument jigi iffalsifikat fl-essenza materjali tieghu, fil-falz ideologiku d-dokument ikun iffalsifikat biss fis-sustanza u cjoe' fil-kontenut ideali tieghu. Fi kliem Manzini jkun hemm falsita' materjali meta d-dokument ikun wiehed mhux genwin (jigifieri jew meta l-awtur apparenti ma jkunx l-awtur reali tad-dokument jew meta d-dokument*

*ikun issubixxa alterazzjoni wara l-formazzjoni definittiva tieghu), mentri il-flaz ideologiku, ghalkemm id-dokument ikun genwin ' non e' veridicio, perche' colui che lo ha formato gli fa dire cose contrarie al vero' Ghall-finijiet tad-dottrina in tema ta' falsita' jkun hemm dokument kull fejn hemm kitba, attribwibbli ghal persuna identifikabbli, liema kitba tkun tikkontjeni esposizzjoni ta' fatti jew dikjarazzjoni ta' volonta'. S'intendi, b'kitba wiehed ma jifhimx biss is-sinjali alfabetici, izda tinkludi dawk numerici, stenografici u anke kriptografici, basta li dik il-kitba tesprimi hsieb li jkun jiftihem minn kulhadd jew minn certu numru ta' nies.*'

**Ikkunsidrat:**

Fil-kaz in ezami d-dokumenti rilevanti huma s-segwenti:

1. Applikazzjoni ghal licenzja biex issuq vettura f'Kategorija A li tghajjat lill-imputat - iffirmata minnu u l-ghalliem huwa Clint Mansueto a folio 21 sa folio 31. Ma jidhirx li hemm kontestazzjoni li din mhix falsifikata jew b'xi mod imbaghbsa;

2. Certificate of motor insurance tal-mutur ACN 817 a folio 32. Ma jidhirx li hemm kontestazzjoni li dan mhux falsifikat jew b'xi mod imbaghbas;

3. Certifikat (logbook) tal-mutur ACN 817 Folio 33. Ma jidhirx li hemm kontestazzjoni li dan hu falsifikat jew b' xi mod imbaghbas[23];

[23] Mutur li intuza ghat-test li hu ta' 125 cc.

4. Order of driving licence cards a folio 34 u 35. Ma jidhirx li hemm kontestazzjoni li dawn mhux falsifikati jew b'xi mod imbaghbsa;

5. Driving test report a folio 36 sa 38. Il-mutur imnizzel hu Honda ACN 817. Dan hu l-mutur li fil-fatt intuza. It-test juri li hu ghal route A.[24] **Jigi innutat pero' li ghalkemm id-driving test report bin-numru 0222032 a folio 36 juri kategorija A1 dak a folio 38 bl-istess numru ta' serje juri kategorija A. Dan id-dokument huwa ikkontestat. Jirrizulta li dak id-dokument kien tajjeb biss biex jimtela' u jigi ipprezentat ghal kategorija A1 u mhux ghal A. Min ircieva dan id-dokument[25] ghalkemm fuq formola hazina ipprocessah ugwalment u hareg il-licenzja ta' kategorija A.[26] Minn naha tal-prosekuzzjoni ma tressqu l-ebda provi dwar l-ipprocessar ta' l-applikazzjoni.**

L-imputat ma xehedx quddiem din il-Qorti, kif kellu kull dritt li jaghmel, pero' irrilaxxa stqarrija nhar il-25 ta' Jannar 2022 fil-prezenza tal-konsulent legali tieghu Dr. Lennox Vella. Il-Qorti ser tipproduci testwalment l-partijiet li jidhrilha li huma relevanti ghal vertenza:

*Spettur: Issa mistoqsija importanti, inti meta kont qieghed hemm u tlajt bil-mutur 125, Clint x'qallek lilek bhala instructor tieghek. Meta inti kont qieghed diga' ghal kategorija, ghal kemm applikajt ghalija ma kontx qieghed bil-mutur proprja.*

[24] Juri li hemm pass.
[25] Il-prosekuzzjoni ma ressqet lil hadd jixhed fuq hekk u ma hemm referenza ta' xejn fl-atti fuq dan.
[26] Licenzja li giet eventwalment irtirata meta l-Awtorita' indunat li dan fil-fatt tela' b'mutur ta' cilindrata zghira.

*Matthew Vella: Xejn, ma qalli xejn hu. Just tani l-karti qalli ha mur ghat-test. Ghax hu mhux ha jghidlek, hu meta tghidlu xi haga dan dejjem ha jara x' jivvinta biex lilek iwaqqak orrajt. Inti ma tifhimx, inti ma tghid xejn tajjeb u jgibek daqshekk.*

*Spettur: U Joseph lilek xi haga?*

*Matthew Vella: Le ta*

*Spettur: L-examiner. Ma gibidlekx l-attenzjoni isma ghaliex tlajt b' dan.*

*Matthew Vella: Le ghax kien imgieghel minnu li jaghmlu hu. U qed jobdi ordni minnu. Ghaliex ahna minghandu nohduhom l-ordnijiet.*[27]

*……………………………………………………………………….*

*Spettur: Xi hadd wara li inqalgha dan kollu baghbas id-dokument u ghamlu A1, ziedlu 1 hawn hekk. Dan huwa l-istess dokument, is-serial number huwa l-istess. Qed tara s-serial number huwa l-istess. Kollox huwa l-istess imma hawn hekk ziedulu 1, biex jidher li inti tlajt bl-intenzjoni li tlajt A1 u mhux ghal A. Issa taf xi haga biha din inti? Xi hadd kelmek fuq dan id-dokument jew xi haga?*

[27] Folio 141 tal-process.

*Matthew Vella:  Le ghax dawn ma jkunux f'idejna.*

*Spettur:  Naf li ma jkunux f'idejk ghal hekk qed nistaqsik.  Ghax tahseb li d-dokument gie imbaghbas hekk? Ghandek idea x'seta' kien?*

*Dr. Lennox Vella:  Ghax hija ipotesi li lanqas tista'……*

*………………………………………………………………*

*Spettur:  Dak id-dokument, inti imlejthom dawn?*

*Matthew Vella:  Iva dawk jien imlejthom.*

*Spettur:  Issa nghid sew li hawn hekk qed tapplika fuq il-licenzja ta' l-A.*

*Matthew Vella:  Iva*

*Spettur:  U hawn hekk hawn il-firma tieghek li qeghda fuq l-A u mhux fuq l-A1.*

*Matthew Vella:  Ehe.*

*Spettur:  Ghaliex saret fuq l-A u mhux fuq l-A1?*

*Matthew Vella:  Jiena ppretendejt li dawn ha jinbidlu hu.*

*Spettur:  Imma hawn hekk hawn l-istess mutur*

*Matthew Vella:  Ehe.*

*Spettur:  Li huwa 125 tajjeb.  Mela hawn hekk qeghdin nghidu li applikajt ghal kategorija A bil-mutur tal-125 u hawn hekk ergajt iffirmajt fuq l-A, ma iffirmajtx l-A 1.*

*Matthew Vella:  Din mhix jiena ktibtha.  Dan nahseb Clint kitibhom dawn.*

*Spettur:  Dawn kitibhom Clint?*

*Matthew Vella:  Ehe.*

*Spettur:  U dawn tieghek.*

*Matthew Vella: Dawn tieghi.*

*Spettur: u dawn kitibhom Clint.*

*Matthew Vella: Ehe*

*Spettur:  Orajt.  U din hija l-firma tieghek fuq l-A.*

*Matthew Vella:  Tieghi.*

*Spettur:  Inti ghal li jista' jkun inti kont ha titla b'xi mutur iehor?*

*Matthew Vella:  Fil-bidu hekk kien il-hsieb, imma imbaghad ghidtlek dawwart il-hsieb jiena ghax ma ridtx, dawwart l-idea tieghi u ridt nitla'.*

*Spettur:  Tajjeb.  Meta tawk il-licenzja kont taf li ghandek l-A u mhux suppost ghandek l-A.*

*Matthew Vella:  Nghidlek il-verita' tfajtha fil-wallet u….*

*Spettur:  U ma tghajtx kas.  Ifhimni fuq din ma tantx nista' nemmnek li ma kontx taf li ghandek l-A ghax l-istess dokument anka dan stess jghid li ghal kategorija A li kienet inghatat lilek, tajjeb din inghatat lilek f' idejk. Ma tantx nista' nemmnek fuqha li ma kontx taf li ma ghandekx l-A.  Kien hemm xi raguni ohra li forsi qed tghid hekk?*

*Matthew Vella:  Le ta.*

*Spettur: Clint wara li kellmek it-tieni darba, li kellmek fuq din li ha jehdulek il-licenzja ghamilt kuntatt mieghu fuq xi haga ohra? Relatata ma' din mhux fuq xoghol iehor.*

*Matthew Vella: Le kien qalli illi l-licenzja ha jehduhieli u ser tinbidel.*

*Spettur: Wara dakinhar, wara dik id-darba fuq din il-kwistjoni rega' kelmek? Jekk tiftakar.*

*Matthew Vella: Ma jidhirlix.*[28]

*……………………………………………………………………………….*

*Matthew Vella: Jiena tlabt biex isir ghal hekk dhalt jiena.*

*Spettur: Inti applikajt ghat-test.*

*Matthew Vella: Jiena applikajt ghat-test*

*Spettur: U applikajt ghal kategorija A.*

*Matthew Vella: Ehe*

*Spettur: Inti kellimt lil Clint biex jigi bhala instructor?*

[28] Folio 144 tal-process.

*Matthew Vella: Le Le le. Jien urejtu x-xewqa tieghi.*

*Spettur: Daqshekk hu.*

*Matthew Vella: Ghidtlu nixtieq imur niehu zewg lezzjonijiet u ngib din il-licenzja 'halli f' idi' qalli. 'halli f'idi issa noqghodlok jien, noqghodlok l-instructor jien whatever, u niehu hsieb' qalli 'bil-mutur tieghi' u etc etc.*[29]

**Ikkunsidrat:**

Mill-kwadru probatorju f'mohh din il-Qorti ma hemmx dubbju li dan hu kaz ta' 'hokkli dari u inhokklok darek' bejn Matthew Vella u Clint Mansweto bil-partecipazzjoni ta' Josef Farrugia Mallia. It-tlett karattri f'din il-vertenza huma tlett ufficjali tat-Transport Malta, b'Mansueto fil-kariga ta' Direttur[30]. L-imputat Vella kien ilu impjegat mal-Awtorita' sa mit-2 ta' Dicembru 2019, jigifieri aktar minn sena u nofs minn meta sehh l-akkadut u allura kien jaf ben tajjeb kif tahdem u ma tahdimx is-sistema u bil-proceduri li jirrigwardaw it-testijiet u il-licenzjar tas-sewwieqa. Hu kien midhla ukoll tal-formoli.

Jidher li l-formola Driving Test Report 0222032 kienet dik tal-kategorija ghas-sewqan tal-muturi A1 kif hemm imnizzel fuq in-naha

[29] Folio 148 tal-process.

[30] Dan qatt ma ingieb jixhed quddiem din il-Qorti probabilment minhabba il-proceduri pendent fil-konfront tieghu.

ta' isfel tal-istess formula (Form DTR1A), kif del resto xehed ukoll Farrugia Mallia u allura sa mill-bidu l-imputat kien jaf li dik il-formola ghal kategorija A li kien applika ghaliha hu ma kinitx flokha. Il-kategorija A hija dik relattiva ghal kategorija shiha filwaqt li A1 hija ghal dik ta' cilindrata 125 cc. L-imputat sa mill-bidu kien jaf li hu kien mistenni li joqghod ghall-ezami ta' A1 u mhux ghal dak A ghax fil-fatt mar bil-mutur ta' cilindrata 125cc. Barra minn hekk biex ikompli jghatti il-malefatt tieghu accetta li l-instructor tieghu kien id-Direttur tieghu stess Clint Mansueto, xi haga li qatt ma kellha tkun ghax id-dicenza amministrattiva kif ukoll l-etika titlob li min ghandu jissorvelja l-affarijiet ma jkunx partecipi fit-tahrig u bl-ebda mod ma jindahal fil-proceduri biex jagevola lil dak u lill-iehor. L-imputat kien jaf b'dan kollu, kien midhla tas-sistema u allura l-Qorti ma tistax tifhem x' kien l-iskop li jitlob l-intervent ta' Mansueto jekk mhux biex jikser il-proceduri amministrattivi u biex johloq l-addebitu odjern.

Waqt li hu tajjeb li Farrugia Mallia ghamel tajjeb li tkellem mac-CEP Pierre Montebello wara li fattar l-affarijiet, ghax missu sa mill-bidu mela l-formola b'mod tajjeb, ossija A1 la l-kategorija li tela' il-mutur bih kienet A 1 u mhux A, kien ikun aktar ghaqli li kieku ma cediex ghal pressjoni ta' Masnueto baqa' jinsisti biex l-affarijiet jimxu skond ir-regoli u l-proceduri interni[31]!

**Ghal kuntrarju li jasserixxi l-imputat fl-istqarrija tieghu, Farrugia Mallia kien car li wara t-test il-karti tahom lil Matthew Vella u allura hu kellu kontroll fuqhom. Dan il-fatt mhux kontradett jew attakkat b'xi kontro-ezami mid-difiza u l-Qorti ma ghandix**

[31] Il-Qorti tazzarda tghid li Mansueto identifika lill-Mallia Vella ghax kien ghadu gdid u kien waqt probation u allura meta tara l-istqarrija fi shih ta' Vella tinduna li aktar iva milli le kien l-instructor l-aktar dghajjef u allura seta' jaqdihom minghajr hafna resistenza.

**dubbju dwar dak li xhed Farrugia Mallia** li propju kien hu min jeddu li gharraf b'dak li gara lill-CEO Montebello.[32] **Dunque, isegwi li l-karti tmexxew mill-imputat u allura huwa kien dak li ghadda formula tal-kategorija A1 bhala formola ta' A.**

**Huwa ukoll verosimili li l- '1' fuq il-formola ghamilha huwa jew xi hadd ghan-nom tieghu pero' bil-barka u bil-konoxxenza tal-imputat wara li inholoq is-suspett fihom.**

**Il-Qorti lanqas temmen lill-imputat li wara li giet f' idejh il-licenzja bil-kategorija hazina, huwa ma indunax ghax qabad u dahhalha fil-wallet. Il-Qorti terga' tirribadixxi li dan huwa ezaminatur u allura persuna tal-mestier u kien jaf mill-bidu sa l-ahhar x'qed jaghmel u x'qed jigri tul il-process kollu!**

Il-Qorti temmen li ghalkemm kien hemm abbuz serjissimu tal-process gamministrattiv fi hdan Transport Malta kemm minn-naha ta' Mansueto kif ukoll minn naha tal-imputat ma jirrizultax li Vella ghamel xi dikjarazzjoni jew stqarrija falza jew ta' taghrif falz. Hu wera x-xewqa li joqghod ghall-ezami ta' kategorija A u hekk ghamel. **Il-formola li ipprezenta lill-awtoritajiet wara li ghadda mill-ezami, ghalkemm huwa kien konxju bhala ezaminatur li kienet ghal kategorija A1 ipprezentaha bil-kategorija A u allura din ma kienet bl-ebda mod iffalsifikata jew kien hemm taghrif falz fuqha ghax anki in-numru u l-mudell tal-mutur li tela' bih ghat-test kien mimli**

[32] Farrugia Mallia kien gdid u allura il-Qorti ghalkemm ma taqbel xejn mal-mod kif ceda tista' tifhem li hassu pressat minn Montebello u sa certa punt ried jaqdi lill-kollega tieghu Matthew Vella.

**tajjeb. B'hekk lanqas tista' tirrizulta li xjentement ghamel uzu minn xi dokument iehor falsifikat.**

Ghaldaqstant, mill-provi prodotti quddiemha, il-Qorti ma tistax issib htija fl-imputat fir-rigward ta' l-ewwel zewg akkuzi u konsegwentement ser tilliberah.

**Ikkunsidrat ulterjorment:**

Ghar-rigward tat-tielet akkuza, il-Qorti se taghmel punt qasir.

Mix-xhieda ta' **Silvana Portelli** jirrizulta "li l-imputat mhux public officer, huwa impjegat tas-settur pubbliku ma' Transport Malta. Huwa public sector employee. Hu impjegat direttament ma' Transport Malta mhux impjegat bhala public officer mal-Gvern bhal dipartiment.[33]".

Minn din ix-xhieda konsegwentament jirrizulta li l-imputat mhux ufficcjal pubbliku kif trid il-ligi taht l-Artiklu 190 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Dan kollu apparti, il-Qorti ftit li xejn ghandha xi zzid, ladarba ser tkun qed tillibera lill-imputat mill-ewwel zewg akkuzi, konsegwentement l-imputat ghandu jigi liberat ukoll mit-tielet akkuza u ghalhekk ser tkun qed tillibera wkoll lill-imputat mit-tielet akkuza.

**Decide:**

[33] Folio 124 tal-process.

Ghaldaqstant, ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti wara li rat l-artikoli 141, 188, 189, 190 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta issib lill-imputat **MATTHEW VELLA MHUX HATI** tal-akkuzi kif migjuba fil-konfront tieghu u qed tilliberah minn kull htija u piena.

Stante din is-sentenza u stante ukoll illi fil-proceduri ma gew mahtura l-ebda esperti, tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tat-talba tal-Prosekuzzjoni taht l-Artikoli 533 (1), 532A u 532B tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Dr. Monica Vella LL.D., M. Jur,

Magistrat

Annalise Mifsud

Deputat Registratur.